# BORD TA’ L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

***MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO***
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D. Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Seduta tallum 23 ta’ Frar 2022**

**(1) Dr Francis Lanfranco K.I 381250M**
**(2) Dr Mark Attard Montalto K.I 220073M**
**(3) Henry Deguara Caruana Gatto K.I 531660M**

**vs**

**L-Awtorita’ tal-Artijiet**

**Rikors Numru: 8/2019 NB**

**Il-Bord,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-rikors ta’ Dr Francis Lanfranco K.I 381250M et ippreżentat fit-28 ta’ Frar 2019 fejn ġie premess:**

1. Illi l-atturi huma s-sidien tal-fondi proprjeta` ossija l-hanut bin-numru 209, St Theresa Street, Bormla u l-mezzanin bin-numru 212, St Theresa Street, Bormla.

2. Illi dawn il-fondi kienu gew akkwistati mill-Gvern ta' Malta b'titolu ta' pussess u uzu b'kuntratt datat 16 ta' Dicembru 1961 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard (kopja annessa **Dok FL1**), minghand il-predecessuri fit-titolu tal-atturi ossija Alexander Apap Bologna et kif jirrizultaw fl-imsemmi kuntratt.

3. Illi kif spjegat fl-imsemmi kuntratt, il-fondi kienu jiffurmaw parti minn blokk bini markat bin-numru 58 fil-pjanta annessa ma' kuntratt datat 3 ta' Jannar 1953 fl-

atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard (liema kuntratt jittratta proprjetajiet ohra u distinti fl-istess blokk). Kopja ta' dan il-kuntratt bil-pjanta huma annessi **Dok FL2**.

4. Illi l-akkwist bit-titolu ta' pussess u uzu kien sar versu l-kirjiet ta' akkwist ta' Lm 13 (illum EUR 30.28) fis-sena fir-rigward tal-hanut 209, St Theresa Street, Bormla u Lm 10 (illum EUR 23.29) fis-sena fir-rigward tal-mezzanin bin-numru 212, St Theresa Street, Bormla.

5. Illi l-imsemmija zewg fondi kienu mbaghad gew assenjati lil Angela Formosa Gauci permezz ta' kuntratt ta' divizjoni datat 14 ta' April 1967 fl-atti tan-Nutar Dottor Alex Sciberras Trigona. Illi sussegwentement wara l-mewt tal-istess Angela Formosa Gauci fit-22 ta' Novembru 1966, u permezz taz-zewg testmenti taghha fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello datati 25 ta' Lulju u 5 ta' Awissu 1966 rispettivament, il-fondi kienu ghaddew b'wirt ghand l-unici zewg uliedha u cioe` Carmelina Debattista nee` Formosa Gauci (mart Robert Debattista) u Agatha Formosa Gauci (xebba) kwantu ghal nofs indiviz kull wiehed. Illi Carmelina Debattista mietet fis-6 ta' Awissu 2000 u permezz tat-testmenti sigriet taghha tat-13 ta' Marzu 1995 ippublikat fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro fis-7 ta' Dicembru 2000 hija inter alia halliet bhala werriet taghha lir-rikorrenti Dr Francis Lanfranco u ghalhekk huwa wiret in-nofs indiviz tal-proprjeta` imsemmija. Illi Agatha Formosa Gauci ghaddiet in-nofs sehem taghha lir-rikorrenti Dr Attard Montalto u Henry Deguara Caruana Gatto, permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 7 ta' Frar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood.

6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma sidien tal-fondi imsemmija fl-ishma segwenti indivizi:

| | |
|---|---|
| (a) Dr Francis Lanfranco | 50% |
| (b) Dr Mark Attard Montalto | 25% |
| (c) Henry Deguara Caruana Gatto | 25% |

7. Illi r-rikorrenti diga` pruvaw dan it-titolu lill-Awtorita` intimata u gew rikonoxxjuti bhala sidien, u fil-fatt jircievu l-kirjiet ta' akkwist minghand l-Awtorita` tal-Artijiet.

8. Illi l-proprjetajiet ilhom ghalhekk b'titolu ta' pussess u uzu ghal iktar minn 55 sena, cioe` ferm iktar mill-10 snin previsti skont il-ligi.

9. Illi l-atturi jirrilevaw ukoll li l-imsemmija fondi ossija l-hanut bin-numru 209, St Theresa Street, Bormla u l-mezzanin bin-numru 212, St Theresa Street, Bormla, kienu gew imwaqqghin mill-Gvern ghexieren ta' snin ilu u illum jiffurmaw parti mit-Triq u/jew mill-'promenade' tal-Bormla. Illi dan kif konstatat mill-Perit

Michael Lanfranco fir-rapport tieghu anness u markat **Dok FL3** (bid-dokumenti Doc. ML1 sa ML10). Illi ghalhekk dawn il-fondi ma jezistux iktar u hemm l-impossibilita` li jigu rilaxxjati a favur l-atturi.

10. Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu, l-atturi interpellaw lill-Awtorita` intimata permezz ta' ittra ufficjali fl-ismijiet "Dr Mark Attard Montalto et vs L-Awtorita` tal-Artijiet" (ittra 3794/2018)ipprezentata fis-26 ta' Ottubru 2018 fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, kopja annessa **Dok FL4**, sabiex ai termini tal-Artikolu 69 tal-Kap 573, tghaddi sabiex tixtri l-imsemmija fondi b'xiri assolut skont il-ligi u tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghall-akkwist b'xiri assolut. Illi permezz ta' ittra ufficjali responsiva tal-5 ta' Dicembru 2018 fl-ismijiet inversi (ittra 4341/18), kopja annessa **Dok FL5**, l-Awtorita` intimata ddikjarat li hija ser tghaddi sabiex takkwista l-proprjeta` b'titolu ta' xiri assolut. Illi minkejja dan, sallum l-Awtorita` intimata ma pprocedietx sabiex taghmel dan.

11. Illi l-atturi ghalhekk qieghdin jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jordna lill-Awtorita` intimata tipprocedi sabiex takkwista l-imsemmija fondi b'xiri assolut, kif ukoll li tiffissa minn issa l-kumpens li ghandu jithallas ghal tali akkwist.

12. Illi ai fini ta' kumpens ghat-talba odjerna biss kif rikjest mill-Kap 573 (u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha tal-atturi inkluzi dawk kostituzzjonali), l-atturi qieghdin jipproponu kumpens ta':

    (a) EUR 420,000 u/jew dik is-somma verjuri ghall-akkwist b'xiri assolut tal-hanut bin-numru 209, St Theresa Street, Bormla, bl-imghaxijiet mis-26 ta' Ottubru 2018 u/jew data ohra verjuri sad-data tal-pagament effettiv.
    (b) EUR 450,000 u/jew dik is-somma verjuri ghall-akkwist b'xiri assolut tal-mezzanin bin-numru 212, St Theresa Street, Bormla, bl-imghaxijiet mis-26 ta' Ottubru 2018 u/jew data ohra verjuri sad-data tal-pagament effettiv.

    u dan kif valutat mill-Perit Michael Lanfranco fir-rapport tieghu Dok FL2.

Ghaldaqstant tghid l-Awtorita` intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, il-ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Jordna lill-Awtorita` intimata takkwista b'xiri assolut ai termini tal-Kap 573 il-hanut bin-numru 209, St Theresa Street, Bormla fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.
2. Tiffissa l-kumpens ghall-akkwist b'xiri assolut tal-hanut bin-numru 209, St Theresa Street, Bormla bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Ottubru 2018 u/jew data ohra verjuri sad-data tal-pagament effettiv.
3. Jordna lill-Awtorita` intimata takkwista b'xiri assolut ai termini tal-Kap 573 il-

mezzanin bin-numru 212, St Theresa Street, Bormla fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

4. Tiffissa l-kumpens ghall-akkwist b'xiri assolut tal-mezzanin bin-numru 212, St Theresa Street, Bormla bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Ottubru 2018 u/jew data ohra verjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 3794/2018 u bl-imghaxijiet legali. Illi r-rikorrenti jaghmulha cara li dan ir-rikors qieghed isir minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lilhom inkluzi dawk ta' natura fundamentali u kostituzjonali.

**Ra r-risposta tal-Awtorita' ta' l-Artijiet (fol 70) datata 8 ta' Mejju 2019 fejn gie eccepit is-segwenti:**

1. Illi hija giet notifikata bir-rikors promotur fis-7 ta' Marzu, 2019 u dan l-Onorabbli Tribunal ghogbu jatiha sat-8 ta' Mejju, 2019 biex twiegeb, kif fil-fatt qieghda taghmel permezz tal-prezenti risposta;

2. Illi din il-kawza tirrigwarda il-fondi 209, St Theresa Street, Bormla u 212, St. Theresa Street Bormla mehudin b'pussess u uzu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard tat-3 ta' Jannar, 1953;

3. Illi permezz ta' Ittra Ufficjali Responsiva ghal ittra mir-rikorrenti, l-Awtorita' ddikjarat illi ser tghaddi sabiex takkwista l-propjeta' in kwistjoni b'titolu ta' xiri assolut mill-Gvern ai termini tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta w'ghaldaqstant m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan;

4. Illi l-imsemmija ittra hija datata 5 ta' Dicembru, 2018 w'ghaldaqstant ma kienx hemm xi trapass irraggionevoli ta' zmien minn dak inhar sal-lum. Huwa logiku illi l-Awtorita' jkollha bzonn ftit taz-zmien biex tipprocessa r-rikjesta tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, l-esponenti tiddikjara illi hemm qbil illi l-proprjetajiet in kwistjoni jigu akkwistati mill-Awtorita' wara li jsiru l-verifiki necessarji dwar it-titolu sakemm l-imsemmi xiri inkluz il-valutazzjoni tal-proprjetajiet issir skont id-dettami tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra l-verbali tas-seduti.

Ra l-atti processwali kollha.

Ra li din il-kawza giet assenjata lill-dan il-Bord kif presjedut b'Ordni tal-Prim Imhallef tas-27 ta' Lulju 2021.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2021 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ra n-Nota ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

## II. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qedin jitolbu li l-Awtorita intimata takkwsita l-proprjeta taghhom deskritta fir-rikors bhala l-ħanut bin-numru 209 u l-mezzanin bin-numru 212 fi Triq Santa Tereża, Bormla, b'xiri assolut u jigi ffissat il-kumpens relattiv ghal tali akkwist piu imghax u spejjez. Minn naha l-ohra l-Awtorita intimata filwaqt li taqbel li takkwista l-istess ambjenti ssostni li hija kienet fil-process li twettaq tali akkwist liema process jehtieg aktar zmien.

Ir-rikorrenti ressqu provi dwar it-titolu tagħhom fir-rigward tal-proprjetà in meritu konsistenti fil-kuntratti relattivi ghar-*root of title* li jinsabu a fol 6 sa 37. Minn naha taghha l-Awtorità intimata għarrfet lill-Bord fis-seduta tal-5 ta' Frar 2020 (fol 141) li hija kienet sodisfatta bit-titolu tar-rikorrenti. Ġjaladarba, ma hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti huma s-sidien tal-proprjetà in meritu, u anke in vista tal-ezercizzju mhejji mill-Awtorita dwar il-verifika tat-titolu u wara li l-Bord evalwa l-provi pprezentati jinsab sodisfatt mit-titolu tar-rikorrenti.

Jirrizulta mill-provi li l-fondi *de quo* ġew akkwistati mill-Gvern ta' Malta b'titolu ta' pussess u użu b'kuntratt tas-16 ta' Diċembru 1961 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard (Dok FL 1 - fol 6). L-akkwist b'titolu ta' pussess u użu kien sar versu l-kirjiet ta' Lm13 (€30.38) fir-rigward tal-ħanut u Lm10 (€23.29) fir-rigward tal-mezzanin. Il-proprjetajiet ilhom b'titolu ta' pussess u uzu għal aktar minn 57 sena mill-ftuh tal-proceduri. Jirrizulta li tali fondi kienu twaqqgħu mill-Gvern snin ilu biex illum jiffurmaw parti mit-Triq/*Promenade* ta' Bormla. L-atturi qegħdin jitolbu li l-intimata takkwista l-ambjenti in meritu b'titolu ta' xiri assolut versu l-prezz ta' €420,000 għall-ħanut u €450,000 għall-mezzanin jew sommon verjuri bl-imgħaxijiet mis-26 ta' Ottubru 2018 ċjoe' d-data minn meta r-rikorrenti interpellaw ufficjalment lill-Awtorita' intimata sabiex tgħaddi għall-akkwist permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 3794/2018.

L-atturi ppreżentaw stima *ex parte* tal-Perit Michael Lanfranco datata 15 ta' Frar 2019 li tinsab a fol 38 tal-process in sostenn tal-valuri minnhom mitluba liema rapport gie kkonfermat bil-gurament. Fix-xhieda tiegħu a fol 98 il-Perit Lanfranco stqarr li dawn il-fondi ma kienux waqghu bil-gwerra izda gew demoliti wara l-gwerra biex saret it-triq li llum hemm quddiem il-*waterfront* quddiem Dock 1 u biex isir l-*open space* li hemnm fl-istess zona. Il-perit jghati wkoll deskrizzjoni tal-istess fondi filwaqt li jikkonferma li dawn il-proprjetajiet kienu jinsabu f'zona marbuta mas-suq, mal-kummerc tal-port u kellhom kejl approssimattiv ta' 60m.k kull fond iżda fil-każ tal-mezzanin kien hemm

sular fil-ground floor level, sular fil-first floor u l-arja għalhekk il-kejl tal-mezzanin huwa kemmxejn akbar. L-istimi minnu mwettqa jirrappreżentaw ir-*rental value* ta' proprjetajiet kummerċjali simili f'Bormla u l-Birgu. L-atturi pprezentaw ukoll kuntratt ta' divizjoni bejn il-familja Formosa Gauci, Apap Bologna u De Piro a fol 76 fejn jidher li l-imsemmija ambjenti huma deskritti bhala 'urban proprerty'. Di piu a fol 106 et seq l-atturi pprezentaw ukoll affidavit tal-Perit Lanfranco b'informazzjoni dwar operazzjonijiet paragunabbli mwettqa minnu.

L-esperti tekniċi tal-Bord il-Periti David Pace u l-Perit Marie Louise Caruana Galea nominati minn dan il-Bord, fir-rapport originali tagħhom a fol 142 ivvalutaw l-art in kwistjoni bħala fabbrikabbli bil-prezz ta' €60,000 a tenur tal-Art. 79(3) tal-Kap. 573 fil-11 ta' Novembru 2019. Fir-risposti tagħhom għall-mistoqsijiet in eskussjoni (a fol 166) ikkonfermaw li l-istima mogħtija kienet maqsuma kwantu ghal €30,000 għall-mezzanin u €30,000 għall-ħanut. L-art ġiet ivvalutata fl-2019 skont l-Art. 67(7) tal-Kap. 573 fejn kienet diġa triq.

In segwitu ghall-ordni tal-Bord fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2021 (fol 164) il-membri teknici pprezentaw rapport addizzjonali a fol 172 et seq fil-forma ta' tweġibiet ulterjuri in eskussjoni fejn spjegaw li l-valur preżenti[1] tal-ħanut ossia l-fond 209 Triq Santa Tereza, Bormla huwa ta' €175,000 u l-mezzanin 212 Triq Santa Tereza Bormla huwa ta' €155,000 b'finituri *standard* u *unfurnished*. L-istima tagħhom kienet bbażata fuq metodu komparattiv ta' proprjetajiet f'daqs simili, kundizzjoni u lokalita' fil-ġurnata tar-relazzjoni u mal-istess relazzjoni ulterjuri huma pprezentaw l-operazzjonijiet paragunabbli taghhom.

***IKKUNSIDRA:-***

L-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom ai termini tal-Art. 69 tal-Kap. 573 liema artikolu jaghmel ukoll referenza ghall-artikoli 68(3) u (4). Dawn l-artikoli jipprovdu hekk:-

*69. (1) Meta l-art tkun ġiet akkwistata minn awtorità kompetenti għal użu jew pussess għal dak iż-żmien li l-bżonnijiet tal-iskop pubbliku jkunu jitolbu, is-sid jista', wara li jgħaddu għaxar snin mid-data li fiha jkun ittieħed pussess mill-awtorità kompetenti, jitlob lill-Bord tal-Arbitraġġ biex joħroġ ordni sabiex l-art tiġi akkwistata mill-awtorità b'xiri assolut bl-istess mod imfisser fl-artikolu 68(3) u (4) jew inkella li titbattal fi żmien sena mid-data tal-ordni.*

*(2) Meta art illi tkun fil-pussess u użu ta' awtorità kompetenti tiġi mbattla, l-awtorità tista' tneħħi l-bini kollu, kostruzzjonijiet jew benefikati oħra mibnijin jew magħmulin fuqha matul iż-żmien tal-okkupazzjoni, u tagħti dak il-kumpens lil sid l-art għall-ħsara*

[1] Mejju 2021 – data tan-Nota tal-Periti Teknici.

*li tkun saret bil-kostruzzjoni ta' dak il-bini jew xort'oħra, kif jiġi miftiehem bejn l-awtorità u s-sid jew, fin-nuqqas ta' ftehim, kif jiġi ffissat mill-Bord tal-Arbitraġġ.*

*68. (3) F'każ li l-art tkun trid tinxtara għandha tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-artikolu 38 u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55 għandhom japplikaw.*

*(4) Il-valur tal-art għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku din kellha tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament fil-mument li nħarġet id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3):*

*Iżda fil-valur, ebda każ ma għandu jittieħed ta' ebda bini, tlugħ jew titjib ieħor imtella' jew magħmul fuq l-art wara l-jum li fih il-pussess tagħha kien ittieħed mill-awtorità kompetenti.*

Mill-provi prodotti jirriżulta mhux kontestat li l-fondi *de quo* ġew akkwistati b'titolu ta' pussess u użu b'kuntratt datat 16 ta' Dicembru 1961 u ghalhekk it-terminu ta' ghaxar (10) snin indikat fl-artikolu 69 huwa altru milli soddisfatt. L-ambjenti in kwistjoni gew imwaqqghin mill-Gvern wara l-gwerra biex jakkomodaw proposta ta' skema urbana ddisinjata minn Harrison and Hubbard u llum il-gurnata jiffurmaw parti mit-triq hekk kif indikat fil-pjanta mhejjija milll-Periti Teknici Dok P3 a fol 150[2].

L-artikolu 69 jippostula zewg xenarji bhala rimedju ghas-sid ossia dik tinhareg ordni sabiex l-art tiġi akkwistata mill-awtorità b'xiri assolut bil-mod imfisser fl-artikolu 68(3) u (4) jew inkella li titbattal fi żmien sena. Billi l-ambjenti *de quo* gew demoliti u llum jiffurmaw parti minn Triq u ghalhekk mhux possibbli r-radd lura u billi l-Awtorita intimata stess kemm fl-ittra ufficjali responsiva taghha (fol 65C) u fir-risposta taghha (fol 70) ikkonfermat li hija trid takkwista l-ambjenti msemmija b'xiri assolut huwa lokigu li ghandha tigi applikata l-ewwel opzjoni postulata fl-imsemmi artikolu u kwindi l-Bord sejjer johrog ordni sabiex l-ambjenti in meritu jigu akkwistati mill-Awtorita intimata b'xiri assolut u dan ai termini tal-artikolu 69(1) tal-Kap 573.

L-istess artikolu jkompli jipprovdi li tali xiri ghandu jsir bil-mod imfisser fl-artikolu 68(3) u (4) tal-Kap 573. Dawn l-artikoli jipprovdu illi f'każ li l-art tkun trid tinxtara – kif inhu l-kaz prezenti – għandha tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-artikolu 38 u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55 għandhom japplikaw. Di piu l-valur tal-art għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku din kellha tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament fil-mument li nħarġet id-dikjarazzjoni msemmija aktar qabel, iżda fil-valur, ebda każ ma għandu jittieħed ta' ebda bini, tlugħ jew titjib ieħor imtella' jew magħmul fuq l-art wara l-jum li fih il-pussess tagħha kien ittieħed mill-awtorità kompetenti.

[2] Vide rapport tekniku a fol 142 et seq.

L-atturi jikkontendu li una volta jigi stabbilit li l-Awtorita ghandha tigi ordnata takkwista b'xiri assolut l-ambjenti in meritu – kif qed jigri f'dan il-kaz – il-Bord ghandu jghaddi wkoll sabiex jistabilixxi l-kumpens li ghandu jithallas mill-Aworita ghal tali akkwist. Izda dan il-Bord ma jaqbilx. Il-Ligi ma tghidx li ghandu jsir hekk u fejn il-Ligi hija cara l-Bord m'ghandux jinoltra oltre dak li tipprovdi l-Ligi b'mod car. L-Artikoli 68 (3) u (4) li ghalihom jirreferi l-Artikolu 69 u li huma applikabbli ghal dan il-kaz jghidu b'mod car x'ghandu jsir u skond l-istess provvedimenti tal-Ligi dak li ghandu jsir huwa li għandha tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-Artikolu 38 u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55 għandhom japplikaw. Ghalhekk il-Bord sejjer jordna lill-Awtorita intimata sabiex, ai termini tal-Artikolu 68(3) (li huwa rez applikabbli ghal dan il-kaz in virtu tal-Artikolu 69(1) tal-Kap 573) tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-istess Awtorità tal-Artijiet skont l-artikolu 38 u dan f'terminu ta' tlitt (3) xhur millum liema terminu huwa wiehed perentorju u ghandhom japplikaw l-artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-istess Att.

Il-Bord hu konxju li dan ifisser li una volta tinħareg id-dikjarazzjoni mill-Awtorita u f'kaz li l-atturi ma jaqblux mal-prezz offrut huma ghandhom id-dritt li jintavolaw proceduri godda ta' kontestazzjoni dwar il-kumpens indikat fid-dikjarazzjoni a tenur tal-Artikolu 55 tal-Kap. 573. Izda dan fil-fehema tal-Bord mhuwiex daqstant desiderabbli u kien ikun ferm aktar idoneju kieku l-artikolu 69 tal-Kap 573 kien jipprovdi fih stess mekkanizmu sabiex il-Bord jiffissa l-kumpens dovut fl-istess proceduri. Dan kien ikun ifisser inqas dewmien u possibilment in-nuqqas ta' bzonn ta' ftuh ta' proceduri ulterjuri. Madanakollu ladarba l-artikolu 69 jistabilixxi l-procedura li ghandha tigi segwita b'mod tassattiv, il-Bord hu tal-fehema li ma jistax jinoltra fit-tieni u r-raba' talbiet attrici f'dawn il-proceduri.

Il-Bord hawnhekk jirreferi ghall-artikolu 69(1) li jirrendi l-artikolu 68(3) applikabbli f'kaz ta' ordni ghal xiri assolut u liema artikolu 68(3) jistabilixxi illi '**ghandha**'[3] tinhareg dikjarazzjoni mill-Awtorita u li wara li tinhareg tali dikjarazzjoni '**ghandhom japplikaw**'[4] d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55. Il-kliem hawn appena indikati b'tipa grassa u wzati fl-imsemmija artikoli juru bic-car li din il-procedura hija stabbilita b'mod tassattiv. Il-Bord jinnota wkoll kif il-passagg tal-ħruġ tad-Dikjarazzjoni da parti tal-Awtorita' huwa meħtieg anke' ghaliex id-determinazzjoni tal-valur tal-art in dizamina huwa proprju marbut ma' l-ammont li l-art tista' ġġib kieku din kellha tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament fil-mument li tkun nħarġet tali dikjarazzjoni u dan a tenur tal-artikolu 68(4) tal-Kap 573.

## III. <u>KONKLUŻJONI.</u>

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti, u l-eccezzjonijiet tal-Awtorita intimata billi:-

---

[3] Enfasi tal-Bord
[4] Enfasi tal-Bord

1. Jilqa’ l-ewwel talba u jordna lill-Awtorita’ tal-Artijiet intimata takkwista b’xiri assolut bil-mod imfisser fl-artikolu 68(3) u (4) tal-Kap. 573 l-ambjenti fejn qabel kien hemm il-ħanut bin-numru 209, St. Theresa Street, Bormla.

2. Jilqa’ t-tielet talba u jordna lill-Awtorita’ tal-Artijiet intimata takkwista b’xiri assolut bil-mod imfisser fl-artikolu 68(3) u (4) tal-Kap. 573 l-ambjenti fejn qabel kien hemm il-mezzanin bin-numru 212, St. Theresa Street, Bormla.

3. Jordna a tenur tal-artikolu 68(3) tal-Kap. 573 lill-Awtorita intimata sabiex tinħareġ id-dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-artikolu 38 in rigward tal-ambjenti mertu ta’ dawn il-proceduri u indikati fiz-zewg paragrafi precedenti u dan f’terminu ta’ tlett (3) xhur millum liema terminu huwa wiehed perentorju u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55 għandhom japplikaw.

4. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni u r-raba talbiet attrici ghar-ragunijiet imfissra aktar il-fuq, salvi w impregudikati d-drittijiet kollha tal-atturi ghal hlas tal-kumpens relattiv skond il-Liġi.

Spejjez ta’ dawn il-proceduri u kif ukoll tal-ittra ufficjali numru 3794/2018 a karigu esklussiv tal-Awtorita intimata.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Mario Spiteri**
**Deputat Reġistratur**